



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 5.1.2023  
COM(2023) 3 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-  
KUNSILL**

**dwar l-implimentazzjoni tal-inizjattiva għall-Punent tal-Mediterran**

## 1. INTRODUZZJONI – SFOND

F'April 2017, il-Kummissjoni adottat “il-Komunikazzjoni dwar l-Inizjattiva għall-iżvilupp sostenibbli tal-ekonomija blu fil-Punent tal-Mediterran” (“inizjattiva tal-WestMED” jew “l-inizjattiva”) flimkien mal-Qafas għal azzjoni tagħha<sup>1</sup>. L-inizjattiva ġiet approvata formalment f'Novembru tal-istess sena mill-għaxar pajjiżi parteċipanti: ħames Stati Membri tal-UE (Franza, l-Italja, il-Portugall, Spanja u Malta), u ħames pajjiżi sħab tan-Nofsinhar (l-Alġerija, il-Libja, il-Mauritania, il-Marokk u t-Tuneżija) f'Konferenza Ministerjali ddedikata f'Napli<sup>2</sup>.

L-inizjattiva hija eżitu dirett tad-[Dikjarazzjoni Ministerjali Ewro-Mediterranja dwar l-Ekonomija Blu](#) adottata fil-konferenza tal-Unjoni għall-Mediterran (UgħM) li saret f'Novembru 2015. Il-konferenza stiednet lill-pajjiżi parteċipanti jesploraw il-valur miżjud u l-fattibbiltà ta' strateġiji marittimi xierqa fil-livell sottoreġjonali. L-inizjattiva tibni wkoll fuq snin ta' “Djalogu 5+5” bejn l-għaxar pajjiżi parteċipanti.

L-inizjattiva tal-WestMED hija kompletament konformi ma' politiki rilevanti oħrajn tal-UE marbuta mar-reġjun, bħall-politika Ewropea tal-viċinat. Din saret it-tieni strateġija tal-UE dwar il-baċiri tal-baħar (wara l-istrateġija marittima tal-Atlantiku), li tippromwovi l-kooperazzjoni marittima fuq skala reġjonali akbar.

L-inizjattiva tikkontribwixxi għall-oġettivi tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar u tar-Reġjun Kostali tal-Mediterran (il-Konvenzjoni ta' Barċellona); il-pjan ta' azzjoni għall-Mediterran; u l-istrateġija Mediterranja tal-2016 sal-2025 għall-iżvilupp sostenibbli. Din tikkontribwixxi wkoll għall-eżiti tal-21 laqgħa tal-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Barċellona li saret f'Diċembru 2019, filwaqt li timpenja ruħha li tiegħu azzjoni tanġibbli sabiex tipproteġi l-Baħar Mediterran u tipprovdi appoġġ għal ekonomija blu sostenibbli u tranżizzjoni ekoloġika fir-reġjun.

L-inizjattiva tal-WestMED hija rilevanti wkoll għall-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran (GFCM) u għall-istrateġija tagħha tal-2030 li ġiet adottata reċentement. L-istrateġija tal-GFCM toffri viżjoni komuni u prinċipji ta' gwida sabiex jinkisbu sajd u akkwakultura sostenibbli fir-reġjun tal-Mediterran.

L-għaxar pajjiżi impenjaw ruħhom li jaħdmu flimkien fuq l-interess komuni tagħhom għall-Mediterran b'rabta ma' tliet għanijiet: (1) iż-żieda fis-sikurezza u s-sigurtà marittima, (2) il-promozzjoni ta' ekonomija blu sostenibbli, it-ktabbir u l-impjiegi, u (3) il-preservazzjoni tal-ekosistemi u tal-bijodiversità.

Għal kull għan, ġew stabbiliti numru ta' prijoritajiet u azzjonijiet immirati, kif indikat fil-qafas għal azzjoni li jakkumpanja l-inizjattiva:

1. Kooperazzjoni fil-funzjonijiet tal-gwardja tal-kosta (taħriġ, bini tal-kapaċitajiet, tfittxija u salvataġġ)
2. Is-sikurezza marittima u r-rispons għas-salvataġġ tat-tniġġis tal-baħar
3. Ir-riċerka strateġika u l-innovazzjoni

---

<sup>1</sup> COM(2017) 183 final.

<sup>2</sup><https://www.westmed-initiative.eu/wp-content/uploads/2016/02/1.Declaration-of-Algiers-04.12.2018-EN.pdf>

4. L-iżvilupp ta' raggruppamenti marittimi
5. L-iżvilupp u ċ-ċirkolazzjoni tal-ħiliet
6. Il-konsum u l-produzzjoni sostenibbli (trasport marittimu, portijiet, turiżmu marittimu u kostali, marikultura)
7. L-ippjanar tal-ispazju marittimu (MSP) u l-ġestjoni kostali.
8. L-għarfien dwar il-baħar u dak marittimu
9. Il-konservazzjoni tal-bijodiversità u tal-ħabitats tal-baħar
10. L-iżvilupp ta' sajd u ta' komunità kostali sostenibbli

F'Diċembru 2018, fl-Alġier, il-ministri mill-pajjiżi tal-Punent tal-Mediterran, flimkien mal-Kummissjoni u l-UgħM, adottaw dikjarazzjoni u pjan direzzjonali għal azzjoni li saħqu fuq il-ħtieġa li ssir enfasi fuq sitta<sup>3</sup> mill-għaxar prijoritajiet elenkati hawn fuq. L-importanza tal-inizjattiva tal-WestMED ġiet ikkonfermata mill-ġdid bit-[tieni Dikjarazzjoni Ministerjali tal-UgħM](#) dwar l-Ekonomija Blu Sostenibbli, adottata fit-2 ta' Frar 2021<sup>4</sup>.

### *Governanza*

Il-Kumitat ta' Tmexxija tal-WestMED jipprovdi ġestjoni ta' livell għoli għall-implimentazzjoni tal-qafas għall-azzjoni. Dan jiżgura koordinazzjoni operazzjonali, jipprovdi gwida u appoġġ sabiex jiġi żgurat li jinkisbu r-riżultati mistennija tal-inizjattiva, u jissorvelja l-implimentazzjoni tagħha. Id-WMSC jinkludi koordinaturi nazzjonali mill-ministeri rilevanti mill-pajjiżi parteċipanti, mill-Kummissjoni u mill-UgħM, flimkien ma' osservaturi.

Il-Mekkaniżmu ta' Assistenza tal-WestMED huwa ffinanzjat permezz tal-Fond Ewropew għas-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA)<sup>5</sup>. Huwa jaħdem mill-qrib mal-Kumitat ta' Tmexxija u mal-gruppi ta' ħidma tekniċi tiegħu billi joffri appoġġ operazzjonali, loġistiku u amministrattiv. Il-Mekkaniżmu ta' Assistenza joffri wkoll appoġġ prattiku għall-proġetti – prinċipalment fil-forma ta' tlaqqiġ tas-sħab u żvilupp tal-proġetti – permezz tar-rappreżentanti tagħhom f'disa' ċentri nazzjonali.

Iċ-ċentri nazzjonali huma timijiet ta' esperti nazzjonali b'network estensiv u b'għarfien sod dwar l-opportunitajiet ta' finanzjament, li jistgħu jidentifikaw oqsma ta' potenzjal kbir u jgħinu fl-iżvilupp ta' ideat ta' proġetti. Iċ-ċentri nazzjonali joffru gwida kunfidenzjali u mfassla apposta dwar l-iżvilupp tal-proġetti, l-opportunitajiet ta' finanzjament u t-tlaqqiġ tas-sħab, u huma kapaċi jindirizzaw il-prijoritajiet lokali.

### *Obbligu ta' rapportar*

L-inizjattiva tal-WestMED ilha stabbilita 5 snin. Skont il-komunikazzjoni tal-2017, il-Kummissjoni “ser tirrapporta dwar l-implimentazzjoni ta' din l-inizjattiva lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew sal-2022 abbażi tar-rapporti li jaslu mill-pajjiżi.” Il-Kummissjoni trid tiżgura wkoll li l-inizjattiva tkun għadha allinjata mal-oġettivi u mal-politiki attwali

<sup>3</sup> 1. L-iżvilupp ta' raggruppamenti marittimi, 2. Il-konservazzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u tal-ħabitats tal-baħar, 3. Il-konsum u l-produzzjoni sostenibbli, 4. L-iżvilupp ta' komunitajiet kostali u sajd u akkwakultura sostenibbli, 5. L-iżvilupp u ċ-ċirkolazzjoni tal-ħiliet, u 6. Is-sikurezza marittima u l-ġlieda kontra t-tniġġis tal-baħar.

<sup>4</sup> <https://ufmsecretariat.org/wp-content/uploads/2021/02/Declaration-UfM-Blue-Economy-EN-1.pdf>

<sup>5</sup> Preċedentement, il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd.

tal-UE. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni talbet valutazzjoni indipendenti tal-inizjattiva li eżaminat l-oġettivi, is-suċċessi u l-isfidi tagħha. Il-valutazzjoni ħadet il-forma ta' studju ta' rieżami.

## **2. L-ISTUDJU TA' RIEŻAMI**

Il-Kummissjoni kkuntrattat studju ta' rieżami indipendenti dwar l-implimentazzjoni tal-inizjattiva tal-WestMED sabiex tappoġġa dan ir-rapport. F'Settembru 2021, il-kuntrattur beda jaħdem sabiex jgħin sabiex jiġi ddeterminat jekk l-għanijiet u l-miri tal-inizjattiva kinux ġew issodisfati, jew jekk kienx meħtieġ aġġornament sabiex jaqblu aħjar mal-prijoritajiet attwali. Għal dak il-għan, il-kuntrattur ikkunsidra erba' perspettivi ewlenin: għarfien strateġiku; evalwazzjoni tal-livell ta' governanza u tal-prijoritajiet; evalwazzjoni tal-inizjattiva u r-rwol tal-Mekkaniżmu ta' Assistenza; u l-perspettiva tal-osservaturi.

L-istudju sar bejn Ottubru 2021 u April 2022. Dan kien jinkludi riċerka bbażata biss fuq id-dokumentazzjoni flimkien ma' konsultazzjoni mmirata li fiha l-partijiet ikkonċernati, il-membri tal-Kumitat ta' Tmexxija tal-WestMED, il-kopresidenti tal-WestMED u l-membri tal-Mekkaniżmu ta' Assistenza ġew intervistati kollha, filwaqt li ġiet żgurata rappreżentanza sħiħa tal-partijiet interessati kif ukoll bilanċ ġeografiku. Qabel l-intervisti, intbagħtu kwestjonarji lill-pajjiżi membri tal-WestMED u t-tweġibiet iddaħħlu fil-biċċa l-kbira fl-istudju ta' rieżami.

Il-Kummissjoni abbozzat dan ir-rapport wara analiżi bir-reqqa tal-feedback riċevut permezz tal-kwestjonarji u l-istudju ta' rieżami, u wara li kkonsultat lill-Kumitat ta' Tmexxija tal-WestMED. Numru ta' konklużjonijiet u diversi rakkomandazzjonijiet huma indikati hawn taħt.

## **3. L-EŻITI: PUNTI B'SAĦĦITHOM U TITJIB MEĦTIEĠ**

Fil-ħames snin li ilha teżisti, l-inizjattiva wriet li hija pjattaforma intergovernattiva utli għall-promozzjoni ta' setturi tal-ekonomija blu sostenibbli madwar il-Punent tal-Mediterran bl-approċċ minn isfel għal fuq tagħha. Il-membri tal-inizjattiva u l-osservaturi fil-korp tat-tmexxija (il-Kumitat ta' Tmexxija) iqisuha bħala forum robust għad-djalogu u għall-kooperazzjoni. B'mod partikolari, il-konferenzi dedikati tal-partijiet ikkonċernati u l-hackathons laqgħu flimkien mijiet ta' parteċipanti mir-reġjun.

Il-pandemija tal-COVID-19 kienet ta' sfida għall-funzjonament u għall-governanza tal-inizjattiva, peress li l-biċċa l-kbira tal-laqgħat kellhom ikunu virtwali. Madankollu, sar progress kbir, parzjalment minħabba l-isforzi li saru mill-kopresidenti tal-WestMED. L-inizjattiva wriet appoġġ kontinwu għal proġetti u proposti għal proġetti; din ħolqot b'suċċess żewġ gruppi tekniċi dwar l-akkwakultura sostenibbli u t-tbaħħir ekoloġiku; informat is-sejthiet rilevanti tal-FEMS/FEMSA għal proposti delegati lis-CINEA<sup>6</sup>; u daħlet fi sħubijiet ewlenin billi ffirmat Memorandum ta' Qbil (MtQ) mal-Interreg u mal-Assoċjazzjoni tal-Kmamar tal-Kummerċ u l-Industrija tal-Mediterran (ASCAME).

Għalkemm ċerti aspetti tal-inizjattiva jistgħu jittejbu (it-tiġid tal-viżibbiltà, l-iżvilupp ta' indikaturi aktar xierqa sabiex jitkejjel il-progress u l-kjarifika ta' xi wħud mill-

---

<sup>6</sup> L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, l-Infrastruttura u l-Ambjent.

prijoritajiet eżistenti), dawn jistgħu jiġu indirizzati taħt il-governanza attwali tal-inizjattiva.

### **3.1. Punti b'saħħithom u valur miżjud**

L-inizjattiva tal-WestMED uriet progress u suċċess, li jiġġustifikaw il-ħolqien u l-kontinwazzjoni tagħha. Ġew osservati sitt punti b'saħħithom ewlenin:

- id-djalogu u d-diplomazija mhux vinkolanti
- il-kooperazzjoni u s-šhubijiet
- l-appoġġ għall-proġett
- il-kondiviżjoni tal-għarfien
- gruppi ta' ħidma tekniċi u alleanzi
- kooperazzjoni Mediterranja usa'

#### *3.1.1. Id-djalogu u d-diplomazija mhux vinkolanti*

L-inizjattiva tal-WestMED kienet strumentali fl-appoġġ tal-ħtiġijiet tal-pajjiżi membri, l-aktar permezz tal-appoġġ tal-Mekkaniżmu ta' Assistenza u l-qafas ta' diplomazija mhux vinkolanti li ġie stabbilit u li jiffaċilita d-djalogu fost il-membri tagħha dwar sfidi u opportunitajiet kondiviżi. Il-proċess parteċipattiv u inklużiv huwa apprezzat ħafna mill-partijiet ikkonċernati. L-inizjattiva tirrifletti b'suċċess id-diversità tal-ħtiġijiet u tal-isfidi fir-reġjun.

Bħala forum għad-djalogu u għall-iskambju ta' natura politika, l-inizjattiva tal-WestMED tibbaża ħafna fuq l-involvement attiv ta' network ta' partijiet ikkonċernati lokali mill-pajjiżi parteċipanti. Il-konferenzi tal-partijiet ikkonċernati u l-hackathons organizzati mill-inizjattiva tal-WestMED – l-aktar sabiex jiffaċilitaw l-iskambju ta' ideat ta' proġetti u jippromwovu żvilupp speċifiku ta' proġetti fost il-partijiet ikkonċernati reġjonali fis-setturi marittimi – ikkonsolidaw il-pożizzjoni tagħha bħala għodda ppruvata u effettiva għall-promozzjoni ta' kuntatti bejn pajjiżi li altrimenti kien ikollhom mezzi limitati ta' kooperazzjoni jew kienu jesperjenzaw tensjonijiet politiċi.

Il-ħidma tal-gruppi tekniċi tal-WestMED u tar-raggruppamenti marittimi kkontribwiet sostanzjalment għat-tiŝiħ tad-djalogu bejn il-pajjiżi parteċipanti u l-partijiet ikkonċernati marittimi tagħhom.

#### *3.1.2. Il-kooperazzjoni u s-šhubijiet*

Fil-monitoraġġ tal-opportunitajiet ta' finanzjament rilevanti fl-ekonomija blu, il-Mekkaniżmu ta' Assistenza stabbilixxa mezzi speċifiċi ta' kollaborazzjoni ma' donaturi istituzzjonali, b'mod partikolari l-Interreg. Il-qafas regulatorju tal-2021 sal-2027 għall-Fondi ta' Koeżjoni fih dispożizzjonijiet espliċiti dwar l-inkorporazzjoni ta' strateġiji tal-baċiri tal-baħar. Inħoloq pjan direzzjonali għall-attivitajiet ta' kollegament bejn l-Interreg Euro-MED (2021-2027) u l-inizjattiva tal-WestMED. Dan se jżid il-koordinazzjoni bejn l-atturi fil-Mediterran u se jgħin sabiex jinħolqu šhubijiet.

Sabiex jappoġġa s-šhubijiet bejn il-WestMED u l-assoċjazzjonijiet reġjonali rilevanti, fl-2021 il-Mekkaniżmu ta' Assistenza ffirma MtQ mal-ASCAME. L-objettiv tal-MtQ huwa li jstabilixxi qafas ta' kollaborazzjoni robust sabiex tiġi promossa l-ekonomija blu, jiġi żgurat spazju marittimu aktar sikur, u tittejjeb il-governanza marittima fir-reġjun. Uħud mill-azzjonijiet ipplanati jinkludu inizjattivi konġunti u jippromwovu d-djalogu u l-

kooperazzjoni. Il-kollaborazzjoni mal-ASCAME se ssaħħaħ ir-rabtiet tal-inizjattiva mas-settur privat, u twassal għal aktar attivitajiet ta' tlaqqiġ u ta' appoġġ għall-proġetti. Barra minn hekk, il-MtQ jiffaċilita t-trasferiment tal-għarfien bejn l-atturi privati-pubbliċi rilevanti.

B'ħarsa 'l quddiem, il-Mekkaniżmu ta' Assistenza jista' jkun irid jesplora t-tisħiħ tal-kooperazzjoni u saħansitra proposti ta' proġetti minn sħab jew sorsi ġodda ta' finanzjament. Dan jista' jsir fil-kuntest ta' Orizzont Ewropa, is-Sħubija pubblika-pubblika tal-UE dwar l-Ekonomija Blu Sostenibbli<sup>7</sup> u l-Missjoni tal-UE: Nirrestawraw l-Oċean u l-Ilmijiet tagħna, speċjalment fir-rigward tal-Fanal tal-Baħar Mediterran b'orizzont għall-2030, immirat lejn il-prevenzjoni u l-eliminazzjoni tat-tniġġis flimkien mal-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità tal-baħar u n-newtralità klimatika u ċ-ċirkolarità tal-ekonomija blu, li jiffaċilita wkoll l-impenn tal-partijiet ikkonċernati rilevanti f'dawk li huma l-oġettivi tal-Missjoni.

### 3.1.3. L-appoġġ għall-proġett

L-inizjattiva tal-WestMED appoġġat lill-pajjiżi membri fl-iżvilupp ta' proposti ta' proġetti, li ħafna minnhom irnexxilhom jiksbu finanzjament. Dan ġie apprezzat ħafna mill-pajjiżi.

S'issa, 79 idea ta' proġetti ġew appoġġati b'mod attiv mit-tim ċentrali u miċ-ċentri nazzjonali tal-inizjattiva. Dawn jiswew total ta' madwar EUR 92 miljun<sup>8</sup>. Barra minn hekk, aktar minn 160 proġett huma allinjati mal-inizjattiva u jinvolvu madwar 600 sieħeb mill-pajjiżi membri.

Eżempji ta' proġetti sinifikanti appoġġati matul l-aħħar 4 snin huma indikati fit-**Tabella 1**. Din bl-ebda mod ma hija lista komprensiva<sup>9</sup>.

**Tabella 1:** sommarju tal-proġetti ewlenin appoġġati mill-Mekkaniżmu ta' Assistenza

Isem	Oġettiv	Sors	Ammont (EUR)
<b>DESTIMED PLUS</b>	Il-promozzjoni ta' ppjanar integrat dwar it-turiżmu kostali	Interreg MED	3 076 000
<b>DIGICIRC</b>	L-aċċelleratur Ewropew immexxi mir-raggruppamenti għad-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija ċirkolari fis-setturi emerġenti kollha	Orizzont 2020	3 755 000
<b>PSAMIDES</b>	L-ottimizzazzjoni tal-operat tal-port u tal-ġestjoni tal-marina permezz ta' għodod innovattivi	Interreg MED	2 859 000
<b>LIFE4MEDECA</b>	It-tnaqis tal-emissjonijiet fiż-żona ECA MED	Programm LIFE	1 637 000
<b>AFRIMED</b>	Ir-Restawr tal-Foresti Algali fil-Mediterran	FEMS	1 858 000

<sup>7</sup>[https://ec.europa.eu/research-and-innovation/sites/default/files/bmr-2022/ec\\_rtd\\_bmr-2022-blue-economy-fiche.pdf](https://ec.europa.eu/research-and-innovation/sites/default/files/bmr-2022/ec_rtd_bmr-2022-blue-economy-fiche.pdf)

<sup>8</sup>Rapportar mill-Mekkaniżmu ta' Assistenza.

<sup>9</sup>Lista sħiħa: <https://westmed-initiative.ec.europa.eu/publications/#Leaflets>

<b>WESTMOPOCO</b>	It-thejjija għar-rispons għat-tixrid kimiku	DG ECHO	868 000
-------------------	---	---------	---------

### *Premjijiet għall-Proġetti tal-WestMED*

Il-Premjijiet għall-Proġetti tal-WestMED (2021) kienu opportunità sabiex jiġu enfasizzati u appoġġati proġetti minbarra dawk appoġġati b'mod attiv mill-Mekkaniżmu ta' Assistenza u miċ-ċentri nazzjonali. L-għan kien li jiġu identifikati, murija u rispettati proġetti eċċezzjonali li jipprovdu soluzzjonijiet innovattivi u replikabbli f'firxa ta' oqsma, li jinkorporaw il-viżjoni tal-inizjattiva tal-WestMED għall-Punent tal-Mediterran. Fl-2021, fil-kompetizzjoni, b'kollox daħlu 54 proġett interessanti u ta' valur miż-żewġ naħat tal-Mediterran.

Ir-rebbieħ kien il-proġett BLUESKILLS “Impjiegi Blu u Ekonomija Sostenibbli fil-Mediterran permezz tat-Titjib tal-Ħiliet u l-Iżvilupp tal-Kapaċitajiet”, iffinanzjat mill-Ministeru Taljan għall-Università u r-Riċerka u mmexxi mill-Istitut Nazzjonali Taljan għall-Oċeanografija u l-Ġeofiżika Applikata. Il-proġett jippromwovi opportunitajiet f'karrieri “blu” billi jiżviluppa l-ħiliet, jiskambja l-għarfien u jivvalorizza r-riċerka għal Baħar Mediterran aktar sostenibbli. L-għan tiegħu huwa li jiżviluppa kurrikuli ġodda u jżid il-kapaċità għall-impjeg fis-setturi tal-baħar u dawk marittimi. Finalisti oħrajn huma elenkati fit-**Tabella 2**.

**Tabella 2:** Il-finalisti tal-Premjijiet għall-Proġetti tal-WestMED tal-2021

<b>Isem</b>	<b>Objettiv</b>	<b>Sors</b>	<b>Ammont (EUR)</b>
<b>BLUESKILLS</b>	<i>Jippromwovi opportunitajiet f'karrieri “blu”</i>	<i>Il-Fondi Nazzjonali Taljani</i>	<i>Mhux Applikabbli</i>
<b>ALGERIA START UP CHALLENGE</b>	L-appoġġ għall-bidu ta' negozji ġodda tal-akkwakultura u tal-protezzjoni ambjentali Alġerini (enfasi fuq iż-żgħażaġh)	Il-Fondi Nazzjonali Alġerini	Mhux Applikabbli
<b>SICOMAR Plus</b>	Proġett ta' kooperazzjoni transfruntiera dwar is-sikurezza marittima	Programm marittimu Interreg Franza-Italja	6 688 000
<b>BIOVecQ</b>	Jippromwovi l-kooperazzjoni bilaterali bejn iċ-ċentri ta' riċerka Taljani u Tuneżini dwar il-bijoteknoloġija blu	Interreg Italja-Tuneżija	1 722 000
<b>STARFISH 4.0</b>	Soluzzjonijiet innovattivi għall-modernizzazzjoni u għad-diġitalizzazzjoni tas-sajd fuq skala żgħira	FEMS	1 158 000

### *Sejħa tal-FEMSA għal proġetti ewlenin tal-2021*

Fi sforz sabiex jingħataw spinta u jiġu ssimplifikati l-fondi, l-ewwel [sejħa tal-FEMSA għal proġetti ewlenin](#) dwar l-ekonomija blu li jenfasizzaw fuq il-baċir tal-baħar tnediet fl-2021. Din kienet tinkludi sejħa speċifika għall-pajjiżi tal-WestMED. Is-sejħa kienet iddedikata għall-irkupru tat-turiżmu kostali u marittimu. Din kellha l-għan li ssaħħaħ il-kompetittività u s-sostenibbiltà tas-settur tat-turiżmu kostali u marittimu bħala parti minn ekonomija blu intelliġenti u reżiljenti. Is-suġġett jiffoka wkoll fuq l-ekoturiżmu, id-



diġitalizzazzjoni tas-settur u l-mobilizzazzjoni tal-investimenti privati-pubbliċi. Ġew ippremjati tliet proġetti b'valur ta' EUR 2 385 000 u dawn għadhom għaddejnin.

**Tabella 3:** Proġetti ppremjati permezz tas-sejthiet tal-FEMSA għal proġetti ewlenin fil-pajjiżi tal-WestMED

Isem	Objettiv	Kontribuzzjoni tal-UE (EUR)
<b>ECO-CRUIRING FU TOUR</b>	Tingħata spinta lill-ħiliet maniġerjali, blu u diġitali fis-settur tat-turiżmu tal-Punent tal-Mediterran b'enfasi fuq l-SMEs	792 177
<b>EU WeMED_NaTOUR</b>	L-iżvilupp ta' pakketti ta' turiżmu tranżnazzjonali u ekointelligenti, b'enfasi fuq siti tal-baħar naturali/destinazzjonijiet kostali	796 683
<b>REBOOT MED</b>	L-irkupru u t-tiġid tal-ekoturiżmu: inkoraġġiment tas-sħubija pubblika-privata li tiddefinixxi b'mod konġunt il-Pjanijiet ta' Azzjoni tal-Ekonomija Blu għall-Irkupru tas-settur tat-turiżmu	999 380

#### 3.1.4. *Il-kondiviżjoni tal-għarfien*

L-inizjattiva tal-WestMED kienet forum ta' suċċess u ta' ispirazzjoni għall-kondiviżjoni tal-għarfien. Il-pajjiżi membri kellhom il-possibbiltà li jitgħallmu minn xulxin u li jikkondividu l-aħjar prattiki u metodi affidabbli sabiex ifasslu l-politika, u dan wassal għal ekonomija blu aktar sostenibbli. Eżempju ċar ta' dan huwa l-istrateġija tal-ekonomija blu Alġerina.

Fl-2021, l-Alġerija saret l-ewwel pajjiż tan-Nofsinhar tal-Mediterran li għandu strateġija nazzjonali għall-ekonomija blu, b'ħarsa 'l quddiem lejn l-10 snin li ġejjin. Din l-istrateġija tidentifika l-ħtiġijiet, it-temi, l-attivitajiet u l-azzjonijiet ta' prijorità meħtieġa sabiex tinbena ekonomija marittima integrata u sostenibbli li hija ta' benefiċċju għal kulħadd. L-istrateġija tkopri wkoll aspetti transfruntiera tal-ekonomija blu.

L-istrateġija tal-ekonomija blu Alġerina kienet ispirata mill-inizjattiva tal-WestMED, flimkien mal-ideat u mal-għanijiet esplorati fid-diversi avvenimenti f'diversi livelli u fost is-sħab reġjonali, il-ministri u l-kumitati ta' tmexxija. Il-Mekkaniżmu ta' Assistenza pprovda wkoll appoġġ speċifiku f'dan il-proċess. Fil-fatt, iċ-ċentru nazzjonali Alġerin u l-Mekkaniżmu ta' Assistenza tal-WestMED kellhom rwol kruċjali u għenu lill-awtoritajiet nazzjonali fil-finalizzazzjoni u fil-preżentazzjoni tal-istrateġija tal-ekonomija blu Alġerina. L-UE tappoġġa l-istrateġija billi tipprovdi EUR 22 miljun għall-iżvilupp tal-ekonomija blu fl-Alġerija.

L-istrateġija tal-ekonomija blu Alġerina hija integrata bis-sħiħ fil-viżjoni ġenerali tal-Gvern Alġerin u tikkontribwixxi għall-objettivi tal-WestMED u tal-UgħM.

Fl-aħħar mill-aħħar, tista' tispira lil pajjiżi oħrajn sabiex jiżviluppaw strateġiji simili. Pereżempju, it-Tuneżija bħalissa qiegħda taħdem fuq strateġija li għandha tiġi adottata fl-2022.

#### 3.1.5. *Gruppi ta' ħidma tekniċi u alleanzi*

Fl-2020, il-WestMED ħolqot grupp tekniku dwar it-tbaħħir ekoloġiku. Il-grupp huwa mmexxi miċ-ċentri nazzjonali Taljani u Marokkini, u magħmul minn esperti, speċjalisti u rappreżentanti mill-pajjiżi kollha tal-WestMED. Il-grupp identifika tliet azzjonijiet ewlenin dwar is-suġġetti tat-trasport marittimu sostenibbli u fjuwils alternattivi:

- i) il-valutazzjoni tat-teknoloġiji emerġenti u tal-mudelli innovattivi;



- ii) il-ħolqien ta' network ta' portijiet marittimi bħala komunitajiet tal-enerġija;
- iii) l-ghajjnuna sabiex tingħata spinta lill-adattament tal-bastimenti kummerċjali.

AquaWest, grupp tekniku dwar l-akkwakultura sostenibbli, ġie stabbilit fl-2021 sabiex jappoġġa l-adozzjoni ta' prattiki innovattivi u sostenibbli tal-akkwakultura fil-Punent tal-Mediterran. Il-grupp jiffoka fuq il-ħtiġijiet u l-opportunitajiet tal-pajjiżi tan-Nofsinhar tal-WestMED, li jippermettulhom jibbenefikaw minn prattiki innovattivi eżistenti fir-reġjun. Il-grupp jikkonsisti f'numru ta' persuni li jfasslu l-politika u organizzazzjonijiet ta' livell għoli mis-settur tal-akkwakultura u huwa mmexxi miċ-ċentru nazzjonali Alġerin. L-objettivi ewlenin tal-grupp huma li:

- i) jippromwovi l-kondiviżjoni tal-għarfien;
- ii) jiffaċilita l-iżvilupp tal-politika;
- iii) iħeġġeġ il-kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati;
- iv) jidentifika l-finanzjament;
- v) iżomm pjattaforma ta' kondiviżjoni tal-informazzjoni.

Fl-2021, ġie stabbilit network ta' raggruppamenti marittimi, iffirmat fl-Italja u mmexxi mir-raggruppament Tuneżin. L-objettivi ewlenin tan-network huma li:

- i) iħeġġeġ id-diskussjoni u l-iskambju ta' għarfien u prattiki fost ir-raggruppamenti;
- ii) jagħti spinta lill-iżvilupp tar-raggruppamenti marittimi tan-Nofsinhar tal-Mediterran permezz ta' kooperazzjoni aktar mill-qrib min-Nofsinhar għan-Nofsinhar;
- iii) il-bini tal-kapaċitajiet mit-Tramuntana għan-Nofsinhar sabiex jgħin fl-aġġornament tal-ħiliet ta' ġestjoni tar-raggruppamenti bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar tal-Mediterran;
- iv) jattira l-investiment – b'mod partikolari l-investimenti privati għal SMEs innovattivi.

### 3.1.6. Kooperazzjoni Mediterranja usa'

L-inizjattiva tal-WestMED mhux biss ispirat u żiedet kemm il-kooperazzjoni kif ukoll id-diskussjoni fost il-pajjiżi membri tagħha, iżda wasslet ukoll għal kooperazzjoni usa' fil-bqija tal-Mediterran. Din ħadet il-forma ta' kollaborazzjoni fil-proġetti bejn il-pajjiżi tal-UE u dawk mhux tal-UE li ma humiex membri tal-WestMED.

**Tabella 4:** Eżempji ta' proġetti appoġġati mill-Mekkaniżmu ta' Assistenza tal-WestMED li jinvolvu pajjiżi mhux tal-WestMED

Isem	Settur	Objettiv	Pajjiżi	Sors	Baġit (EUR)
<b>BLUEfasma</b>	Ekonomija ċirkolari	L-integrazzjoni tal-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari fis-sajd/fl-akkwakultura u fit-turiżmu kostali/marittimu sabiex ikunu ta' benefiċċju għaż-żoni tal-gżejjer u kostali fil-Mediterran	MT GR CY HR MTN	INTERREG MED	2 812 000
<b>Psamides</b>	Portijiet	L-ottimizzazzjoni tal-operat tal-portijiet u tal-ġestjoni tal-marina permezz ta' għodod innovattivi	FR ES GR MTN HR	INTERREG MED	2 859 000
<b>ODYSSEA</b>	Riċerka u Innovazzjoni	L-operat ta' pjattaformi kosteffettivi li jintegraw in-networks għas-sistemi ta' osservazzjoni/tbassir mal-Mediterran	MA DZ IT FR TN ES EG PT IL UK DE NL	H2020	8 399 000

Fi sforz sabiex jiġu involuti aktar pajjiżi Mediterranji oħrajn, fl-2022 għall-ewwel darba, sejħiet ewlenin tal-FEMSA li normalment kienu jkunu disponibbli biss għall-pajjiżi tal-WestMED huma miftuħa għall-pajjiżi kollha tal-UgħM u b'hekk, skont l-eżempju stabbilit mill-WestMED stess, l-inkorporazzjoni ta' nazzjonijiet Mediterranji oħrajn f'termini ta' proġetti.

L-Inizjattiva BlueMED għal Mediterran b'saħħtu u mingħajr plastik kienet magħmula kemm minn pajjiżi tal-UE kif ukoll minn pajjiżi mhux tal-UE, inklużi pajjiżi tal-WestMED. Din kellha l-għan li tmexxi 'l quddiem viżjoni kondiviża għal Baħar Mediterran aktar f'saħħtu u reżiljenti, li tippromwovi l-benesseri soċjali u l-prospertà tal-ġenerazzjonijiet futuri. Din żviluppat Aġenda Strateġika għar-Riċerka u l-Innovazzjoni speċifika għall-Mediterran, li telenka l-isfidi ewlenin fil-Mediterran, il-lakuni fl-għarfien, l-attivitajiet li jippermettu t- tkabbir blu u l-miżuri għat-titjib tal-ħiliet f'diversi setturi.

Fl-2022, il-Kummissjoni ppubblikat Dokument ta' Gwida ġdid dwar is-sinerġiji bejn Orizzont Ewropa u l-programmi tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali.

Issa hemm il-possibbiltà ta' finanzjament kumulattiv, jiġifieri operazzjoni/proġett jista' jirċievi appoġġ minn aktar minn fond, programm jew strument wieħed għall-istess entrata ta' kost jew nefqa li tippermetti sa 100 % tal-finanzjament.

B'ħarsa 'l quddiem, l-Inizjattiva tal-WestMED se tikkoopera mal-azzjoni ta' koordinazzjoni u ta' appoġġ immedija reċentement, BlueMissionMed, iffinanzjata fl-ambitu tal-Missjoni "Nirrestawraw l-Oċean u l-Ilmijiet tagħna sal-2030".

### 3.2. Oqsma li fihom jista' jiġi kkunsidrat titjib

Għalkemm il-valur miżjud muri mill-inizjattiva tal-WestMED huwa ċar, hemm lok għal titjib fl-oqsma li ġejjin.

#### 3.2.1. *Is-sensibilizzazzjoni u t-tisħiħ tal-viżibbiltà*

L-istrateġija ta' komunikazzjoni attwali hija pjuttost skaduta. Huwa meħtieġ użu aħjar tal-logo għal finijiet ta' viżibbiltà, sabiex jintwerew aħjar il-ħidma, il-progress u s-suċċess tal-inizjattiva.

Soluzzjoni: It-titjib tal-istrateġija ta' komunikazzjoni u l-użu aħjar tal-logo tal-WestMED bħala marka.

Strateġija ta' komunikazzjoni mfasla apposta tgħin sabiex l-inizjattiva tal-WestMED tkun aktar viżibbli. L-attivitajiet u l-progress ikunu aktar evidenti u aktar aċċessibbli għall-pubbliku. Din l-istrateġija ta' komunikazzjoni tista' tiġi żviluppata permezz ta' kollaborazzjoni mad-delegazzjonijiet tal-UE f'pajjiżi mhux tal-UE bbażati fil-Mediterran. Dan iżid il-viżibbiltà u jista' jattira investment ġdid u joħloq effett ta' ingranaġġ akbar fi proġetti u għotjiet għall-iżvilupp tagħhom.

Immarkar aktar effettiv jgħin sabiex: juri l-approvazzjoni tal-pajjiżi parteċipanti; iżid it-trazzjoni tal-proġetti tal-marka; isib sħab fil-proġett; jassisti l-proġetti tal-marka fl-elenkar tal-appoġġ mill-gvernijiet u mill-partijiet ikkonċernati madwar ir-reġjun; u jagħmel l-aċċess għall-opportunitajiet ta' finanzjament aktar faċli. L-inizjattiva tal-

WestMED għandha tftitex li timita l-ħidma li saret mill-kampanja ta' mmarrar b'suċċess tal-UgħM.

Il-Mekkaniżmu ta' Assistenza l-ġdid għandu jgħin sabiex tiġi prodotta strateġija ta' komunikazzjoni mtejbja. Skont it-termini ta' referenza tiegħu, il-konsorzju responsabbli għall-Mekkaniżmu ta' Assistenza huwa meħtieġ jippreżenta strateġija ta' komunikazzjoni u pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni ta' dan, li se jiġu rieżaminati kull 6 xhur.

Il-Mekkaniżmu ta' Assistenza l-ġdid jista' jappoġġa wkoll l-introduzzjoni tal-użu tal-logo bħala marka. Dan se jkun kruċjali għad-definizzjoni ta' mmarrar standard għal proġetti appoġġati mill-WestMED u inizjattivi konġunti li jindikaw l-approvazzjoni tal-WestMED meta ssir applikazzjoni għall-finanzjament. Il-fatt li jkun hemm linji gwida ċari dwar l-użu u l-applikabbiltà tal-logo se jiżgura li l-pajjiżi membri kollha jużaw b'mod konsistenti. Il-Kummissjoni tista' tiffaċilita l-proċess billi taqşam l-għarfien dwar linji gwida standardizzati.

### 3.2.2. *L-irfinar tal-metrika u l-indikaturi tal-prestazzjoni*

L-irfinar tal-metrika u l-indikaturi tal-prestazzjoni attwali se jtejjeb l-akkuratezza meta jitkejjel is-suċċess u l-firxa tal-azzjonijiet imwettqa fl-ambitu tal-inizjattiva tal-WestMED.

Minbarra fir-rigward tal-iżvilupp tal-politika u l-kontribut mill-WestMED, l-azzjonijiet individwali li jikkorrispondu għal kull waħda mill-10 prijoritajiet tal-inizjattiva ma humiex marbuta mal-miri speċifiċi stabbiliti fil-qafas attwali għall-azzjoni.

Ħafna mill-miri elenkati huma wesgħin wisq sabiex jiġu attribwiti biss għall-attivitajiet tal-inizjattiva. Il-miri huma primarjament kwantitattivi fin-natura tagħhom, iżda ħafna mill-kisbiet tal-inizjattiva sal-lum għadhom ma jistgħux jitkejlu faċilment.

Soluzzjoni: il-formulazzjoni mill-ġdid u l-adozzjoni ta' metrika alternattiva tal-prestazzjoni għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni.

Il-qafas rivedut għandu jinkludi kemm indikaturi kwalitattivi kif ukoll kwantitattivi. Dawn għandhom ikunu rilevanti, komprensivi u faċli sabiex jiġu mmonitorjati u rrapportati. L-integrazzjoni ta' aspetti rilevanti fi ħdan l-indikaturi speċifiċi se tiżgura li l-bidliet fil-prijoritajiet ikunu jistgħu jiġu segwiti faċilment fil-livelli ta' governanza u implimentazzjoni. Se tiżgura wkoll li kwalunkwe prijorità ġdida tiġi integrata faċilment fil-proċessi ta' rapportar u monitoraġġ.

It-termini ta' referenza għall-Mekkaniżmu ta' Assistenza l-ġdid jiddikjaraw li għandu jfassal kriterji u indikaturi għall-monitoraġġ u għall-kejl tal-attivitajiet tad-diversi strateġiji tal-baċiri tal-baħar u kwalunkwe eżitu relatat. Dan se jagħmilha aktar faċli li tiġi indirizzata l-kwistjoni għall-inizjattiva tal-WestMED u l-qafas tagħha għall-azzjoni u l-pjan direzzjonali għall-azzjoni.

### 3.2.3. *Konferma mill-ġdid u razzjonalizzazzjoni tal-prijoritajiet*

L-inizjattiva tal-WestMED topera f'qafas wiesa' ta' politiki, ftehimiet u strateġiji internazzjonali, Mediterranji u tal-UE li huma relatati mal-ekonomija blu sostenibbli.

It-tliet għanijiet globali u l-għaxar prijoritajiet tal-inizjattiva jallinjaw sa ċertu punt mal-politiki reġjonali u Mediterranji. Pereżempju, l-inizjattiva tal-WestMED tibni fuq id-Dikjarazzjoni Ministerjali tal-UgħM tal-2015 dwar l-ekonomija blu. Madankollu, il-prijoritajiet tal-WestMED ġew stabbiliti qabel it-tieni Dikjarazzjoni Ministerjali l-aktar reċenti tal-UgħM dwar ekonomija blu sostenibbli (2021).

Minn meta ġiet adottata d-Dikjarazzjoni tal-Alġier fl-2018, il-proġetti u l-proposti appoġġati mill-inizjattiva enfasizzaw l-aktar is-sitt prijoritajiet deskritti fil-pjan direzzjonali għall-azzjoni, aktar milli fuq l-għaxar prijoritajiet deskritti fil-qafas għall-azzjoni. Il-pjan direzzjonali ma jiddeskrivix mod speċifiku sabiex jiġu implimentati l-prijoritajiet li jifdal<sup>10</sup>. Madankollu, sar xi progress permezz tal-proġetti<sup>11</sup> u l-aħħar hackathon li sar f'Ġunju 2022. Din il-hackathon uriet interess imġedded fl-ippjanar tal-ispazju marittimu u fit-turiżmu kostali. Il-Mekkaniżmu ta' Assistenza tal-WestMED ilu jappoġġa avvenimenti ta' networking dwar l-Ippjanar tal-Ispazju Marittimu (inklużi l-pajjiżi tal-Lvant tal-Mediterran) u se jkompli jagħmel dan, b'mod partikolari permezz ta' grupp ġdid ta' esperti dwar l-Ippjanar tal-Ispazju Marittimu stabbilit permezz tal-proġett MSP-MED.

Soluzzjoni: Il-konferma mill-ġdid u r-razzjonalizzazzjoni tal-prijoritajiet ibbażati fuq prijoritajiet reġjonali u internazzjonali.

Il-kalibrar mill-ġdid u l-allinjament tal-prijoritajiet tal-inizjattiva mal-inizjattivi ta' politika reġjonali u internazzjonali l-ġodda jkunu utli. Dan jista' jsir billi wieħed jibni fuq it-tieni Dikjarazzjoni Ministerjali tal-UgħM dwar ekonomija blu sostenibbli. Din ġiet approvata mit-42 membru tal-UgħM u tisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu indirizzati l-isfidi ambjentali u relatati mal-klima li qiegħed jiffaċċja r-reġjun kollu.

Dawn is-suġġetti jistgħu jiġu diskussi fil-laqgħa Ministerjali tal-WestMED li jmiss, li għandha ssir fl-2023.

#### 4. RAKKOMANDAZZJONIJIET

Kif jidher f'dan id-dokument, l-inizjattiva tal-WestMED s'issa kienet ta' suċċess u mexxiet 'il quddiem b'mod ċar l-għanijiet tagħha skont it-tliet prijoritajiet ewlenin tagħha. Eżempji konkreti ta' progress jinkludu l-ħolqien ta' gruppi tekniċi, l-appoġġ għat-tlaqqiġ tal-proġetti u l-iżvilupp tal-proġetti, u l-ħolqien ta' diversi sħubijiet. B'mod aktar ġenerali, l-inizjattiva tal-WestMED wasslet b'mod partikolari għal kooperazzjoni u djalogu mtejba fir-reġjun fost il-pajjiżi membri tagħha, kif ukoll lil hinn minnhom, billi inkludiet pajjiżi Mediterranji oħrajn – kemm membri tal-UE kif ukoll mhux tal-UE – f'firxa wiesgħa ta' proġetti.

**Rakkomandazzjoni 1:** B'mod ġenerali, il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-inizjattiva tal-WestMED u l-qafas ta' akkompanjament għall-azzjoni tagħha jibqgħu kif inhum. Il-benefiċċji deskritti hawn fuq jagħtu prova tal-idoneità tagħhom. Għalhekk, ma hemm l-ebda ħtieġa ta' bidliet peress li jista' jsir titjib potenzjali mingħajr ma jiġi emendat il-ftehim attwali.

<sup>10</sup>Jiġifieri, il-gwardja tal-kosta tiffunzjona l-kooperazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni strateġiċi, l-ippjanar spazjali u l-ġestjoni kostali, u l-iskambju u s-sinerġiji tal-għarfien tal-baħar/marittimu

<sup>11</sup>Eż. il-[proġett FIUFFRA](#) li jippromwovi l-kooperazzjoni fil-ġlieda kontra s-sajd IUU

**Rakkomandazzjoni 2:** Il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-Mekkaniżmu ta' Assistenza għandu jindirizza kwistjonijiet bħaż-żieda fil-viżibbiltà; użu aħjar tal-immarkar tal-proġetti (eż. logo); u metrika mtejba u aktar xierqa għall-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva. Kif mitlub fit-termini ta' referenza, il-Mekkaniżmu ta' Assistenza l-ġdid għandu jippreżenta strateġija ta' komunikazzjoni ġdida, b'ħidma mad-Delegazzjonijiet tal-UE fil-pajjiżi tal-Mediterran, u sett ġdid ta' indikaturi sabiex jitkejjel il-progress.

**Rakkomandazzjoni 3:** Il-prijoritajiet fir-rigward tal-politiki reġjonali u internazzjonali għandhom jiġu rieżaminati u ssimplifikati, filwaqt li titqies it-tieni Dikjarazzjoni Ministerjali tal-UgħM dwar ekonomija blu sostenibbli. Il-pajjiżi membri jistgħu jiddiskutu dan fil-laqgħa Ministerjali li jmiss, ippjanata għall-2023.

#### **4.1. Inħarsu 'l quddiem**

Wara l-preżentazzjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew, dan ir-rapport se jiġi ppreżentat ukoll fil-laqgħa Ministerjali tal-WestMED fl-2023, f'Malta. Matul din il-laqgħa, il-pajjiżi jistgħu jagħżlu li jikkonfermaw mill-ġdid jew li jaġġornaw il-prijoritajiet inklużi fil-qafas għall-azzjoni tal-2017 attwali. Dawn jistgħu wkoll jaġġornaw dawk enfasizzati fid-Dikjarazzjoni tal-Alġier tal-2018 u fil-pjan direzzjonali għall-azzjoni.

Il-Kummissjoni tipproponi li sal-2027 jitwettaq studju ta' rieżami ieħor tal-inizjattiva. Ir-rapport tal-Kummissjoni li jmiss lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew għandu jqis ukoll ir-rapportar mill-pajjiżi tal-WestMED.

Il-Kummissjoni se tippubblika u se tikkondividi dan ir-rapport fost l-istituzzjonijiet rilevanti u l-partijiet interessati.